# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Erbgħa u Għoxrin (24) ta' Settembru 2024**

**Rikors Numru 816/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Joseph u Saviour Bonello**

**Vs**

**Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali**

**u**

**George Bonello**

**L-Avukat Dr Frank Cassar**

**u**

**L-Prokuratur Legali Daniel Aquilina**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' Settembru 2022, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu is-segwenti:

    *1. Illi l-kontendenti Bonello kellhom kawża bejniethom u kien hemm deċiżjoni mill-Qorti tal-Appell li bidlet dak li kien deċiż sostanzjalment fil-Prim'Awla,*

*liema sentenza ngħatat fit-18 ta' Lulju,2022, fil-kawża fl-ismijiet George Bonello v Saviour Bonello et bin-numru 1162/10.*

*2. Illi fid-19 ta' Awissu George Bonello bagħat ittra uffiċjali kopja tagħha annessa fejn talab għall-ħlas tal-ispejjeż. Dok TX.*

*3. Parti sostanzjali mill-istess art li hemm il-kwistjoni fuqha, kienet art detenuta b'mera tolleranza għand Concetta Bonello omm il-kontendenti. Illi fis-sentenza tagħha tal-Qorti tal-Appell iddikjarat li kienet qed tagħti provvediment sui generis illi dak li kienet qed tiddeċiedi kien biss sal-mument meta l-istess sid ma jirtirax il-bene placitu tiegħu li jħalli l-art b'mera tolleranza kif inhi llum.*

*4. Illi meta ġie nnominat il-perit tekniku dan, għal raġunijiet ferm ovvji, għamel valutazzjoni tal-art daqslikieku kienet tal-partijiet u konsegwentement telgħet it-taxxa tiegħu u kif ukoll it-taxxa tad-drittijiet inklużi, għax kollox sar ad valorem, inkluż id-dritt tal-perit.*

*Illi ma kienx leġittimu u mhux leġittimu l-istess art u kwistjoni in litigazzjoni tiġi kkunsidrata bħala ta' valur fis-suq u għalhekk għandha tiġi intaxxata ad valorem.*

*Dak illi huwa mera tolleranza huwa extra commercium u m'għandux valur fis-suq u ma jistax jinbiegħ u lanqas jinxtara. Għalhekk it-taxxa ad valorem hi żbaljata.*

***Talba:***

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna ir-ritassa tal-istess kawża biex kull fejn hemm taxxa ad valorem tal-art li hija b'mera tolleranza jew inkella anke b'kirja din tiġi dikjarata bħala biss dikjarazzjoni kif iddeċidiet il-Qorti tal-Appell.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi, fl-20 ta' Ottubru 2022, l-intimati **George Bonello**, l-**Avukat Dr Frank Cassar** u l-**Prokuratur Legali Daniel Aquilina**, laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

    1. *Illi, preliminarjament, u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet segwenti, **it-talba attriċi hija preskritta** stante li l-perjodu stabbilit mill-Artikolu 64(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex wieħed jattakka t-taxxa skada qabel ma ġiet attwalment intavolata l-azzjoni de quo.*

       *Illi dan qiegħed jingħad għax l-Artikolu 64 huwa ċar u ma jagħti l-ebda lok għall-interpretazzjoni fis-sens li tali azzjoni ta' ritassa għandha tinbeda fi żmien xahar li jibda jiddekorri, b'mod perentorju, mid-data li fiha tkun inħarġet it-taxxa.*

    2. *Illi, ukoll in linea preliminari, l-azzjoni kellha **tinbeda b'rikors u mhux b'rikors ġuramentat** u dan ai termini tal-Artikolu 65(1) u tal-Artikolu 667(3) tal-Kap 12. Għalhekk kwalsiasi spejjeż ulterjuri proċedurali*

*għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti u żgur mhux mill-esponenti intimati.*

3. *Illi, ukoll in linea preliminari, l-esponenti George Bonello, l-avukat Dr Frank Cassar u l-prokuratur legali Daniel Aquilina għandhom* ***jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju*** *għax ħadd minnhom ma kellu x'jaqsam mal-mod ta' kif inħadmet it-taxxa in kwistjoni jiġifieri dik li tirrigwarda l-kawża fl-ismijiet:* ***George Bonello vs Saviour Bonello et*** *bir-Rikors Ġuramentat numru 1162/10, deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-18 ta' Lulju 2022. Huwa fatt ben risaput li t-tassazzjoni tal-kawżi ssir mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u mhux minn sempliċi ċittadin bħat-tlett esponenti. Għalhekk l-esponenti jissottomettu li huma ġew* ***imħarrka f'din il-kawża inutilment*** *u kwindi l-ispejjeż kollha li qed jinvolvu ruħhom fihom għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti Joseph u Saviour Bonello li inizjaw dawn il-proċeduri.*

4. *Illi qed jiġi eċċepit ukoll li l-istess Rikors Ġuramentat huwa kemm xejn konfużjonarju stante li f'paragrafu 4 tar-Rikors Ġuramentat, ir-rikorrenti aħwa Bonello, filwaqt li qed jagħtu t-tort għall-mod ta' kif inħadmet it-taxxa lill-perit tekniku Robert Musumeci nnominat mill-Qorti, fl-istess ħin huma naqsu li jħarrkuh bħala parti fil-kawża, għalkemm il-perit tħallas id-dritt kollu li lilu ġie ntaxxat. Illi tali nuqqas jirrendi* ***manki u konfużjonarji*** *l-istess proċeduri għax ma jagħmilx sens li r-rikorenti ma jimpunjawx ukoll id-dritt tal-perit tekniku. Il-fatt li r-rikorrenti aħwa Bonello ma mpunjawx id-dritt tal-perit tekniku jfisser li huma qed jaċċettawh. Madankollu fl-istess nifs huma mhux qed jaċċettaw id-drittijiet tal-esponenti legali fil-kawża!*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-meritu jingħad illi kif jintqal sewwa f'paragrafu 3 tar-Rikors Ġuramentat: "parti sostanzjali mill-istess art li hemm kwistjoni fuqha,* ***kienet*** *art detenuta b'mera tolleranza għand Konċetta Bonello omm il-kontendenti." Dan għaliex, żmien ilu, l-istess Konċetta Bonello kienet tat l-art in kwistjoni lit-tlett uliedha, ir-rikorrenti Joseph u Saviour Bonello u lill-esponenti intimat George Bonello. Fil-fatt, tant l-istess Konċetta Bonello m'għandha xejn aktar x'taqsam mal-art in kwistjoni, illi hija mhix parti la f'dawn il-proċeduri u lanqas ma kienet parti fil-kawża msemmija f'paragrafu 4 aktar 'il fuq.*

6. *Illi minn imkien ma toħroġ mil-liġi li art mogħtija b'mera tolleranza hija extra commercium kif qed ikun allegat f'paragrafu 5 tar-Rikors Ġuramentat. Tali allegazzjoni hija biss gratuita, frivola u fiergħa! In fatti bosta mill-konċessjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet lil ħafna stabilimenti, partikolarment ħdejn il-baħar, żgur li ma jistgħux jissejjħu extra commercium meta jdawwru eluf kbar ta' Euro fi profitti kull sena! Allura, dawn, għax jingħataw b'tolleranza, m'għandhomx valur!?!*

7. *Illi 'mera tolleranza' hija titolu ta' pussess biss u m'għandha xejn x'taqsam ma' attività kummerċjali!*

8. *Illi anke fil-każ odjern id-detenzjoni tal-art in kwistjoni b'mera tolleranza hija waħda ta' natura kummerċjali stante li kull sena r-rikorrenti aħwa Bonello qed ibiegħu kwantità ta' qamħ, ballal tat-tiben u diversi prodotti agrikoli li jkabbru fl-art in kwistjoni, kif ser ikun ippruvat waqt il-mori tal-kawża.*

9. *Illi, għalhekk, kontrarjament għal dak allegat fl-ewwel paragrafu tat-tieni paġna tar-Rikors Ġuramentat li jġib in-numru 4 (għax il-paragrafu ta' qablu wkoll jġib l-istess numru), l-art in kwistjoni kellha tkun ikkunsidrata b'valur fis-suq hekk kif stmaha l-perit tekniku Musumeci. Art li qed tintuża għall-attività kummerċjali, bħal dik in kwistjoni m'għandhiex għalhekk tiġi ntaxxata ad valorem kif qed jallegaw ir-rikorrenti.*

10. *Illi jingħad ukoll li matul il-kawża msemmija f'paragrafu 4 ta' din ir-Risposta, u li tagħha t-taxxa issa qed tiġi kkontestata, damet għaddejja tnax-il sena matul liema żmien, ir-rikorrenti aħwa Bonello, qatt ma lmentaw dwar il-valutazzjoni tal-art mogħtija mill-perit tekniku. Però, issa,* ***għax tilfu l-istess kawża bl-ispejjeż b'kollox****, qegħdin konvenjentement jiċċalinġjaw l-istess taxxa!*

*Għaldaqstant qed ikun eċċepit bir-rispett, illi t-taxxa tal-kawża fl-ismijiet:* ***George Bonello vs Saviour Bonello et*** *bir-Rikors Ġuramentat numru 1162/10, deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-18 ta' Lulju 2022 nħadmet b'mod korrett u skond it-tariffi tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk it-talba tar-rikorrenti aħwa Bonello għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

3. Rat illi, fit-3 ta' Jannar 2023 l-intimat **Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali** laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

    1. *Illi din hija kawża ta' ritassa ai termini tal-Art. 64 tal-Kap. 12 intavolata mill-atturi tal-kawża bin-numru 1162/10 JA fl-ismijiet George Bonello vs Saviour Bonello et li ġiet deċiża fit-8 ta' Lulju, 2022 mill-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri).*

    2. *Illi l-esponenti jissottometti illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid- dritt inter alia minħabba dawn ir-raġunijiet:*

        A. *Illi l-intaxxar kemm tal-Prim' Istanza kif ukoll tal-Appell sar fuq il-valur tal-propjeta' kif valutat mill-Perit Robert Musumeci liema perit kien ġie nominat mill-Qorti sabiex jagħmel pjan ta' qasma tal-propjetajiet;*

        B. *Illi konsegwentement il-kawża ġiet taxxabbli ad valorem skont il-Para. 3(1) tat-Tariffa A u l-Para. 16 tat-Tariffa E annessi mal-Kap. 12.*

*C. Illi l-esponent ħadem it-taxxa skont l-artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap. 12 fir-rigward tad-drittijiet tal-avukati u prokuraturi legali li tgħid illi:"Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess (emfasizzar tal-esponenti), id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit". Fil-fatt hekk sar f'dan il-każ u t-taxxa nħadmet 'ad valorem' fuq il-valur dikjarat mill-Perit nominat mill-Qorti;*

*D. Illi dan kollu jwassal għal konklużjoni li t-talbiet tar-rikorrenti kif esposti fir-rikors promotur tiegħu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*3. Illi għalhekk huwa ċar illi t-taxxa de quo hija maħduma korrettement u hija valida għaliex ġiet emessa skont il-liġi u kwindi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.*

**Provi**

4. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

5. Rat illi permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Ottubru 2022, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża fl-ismijiet *George Bonello vs Saviour Bonello*, Kawża numru 1162/2010, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-18 ta' Lulju 2022, liema atti ġew debitament allegati.

6. Rat illi fis-seduta tal-25 ta' April 2023 il-kawża marret għas-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti.

7. Rat illi r-rikorrenti, permezz ta' rikors datat 8 ta' Mejju 2023 talab sabiex ir-Reġistatur jagħti, anke b'dikjarazzjoni, l-*workings* tal-ammonti li ġew intaxxati kemm fil-Prim' Istanza u kemm fil-Qorti tal-Appell.

8. Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2023, fuq talba tar-rikorrenti, l-Qorti rrevokat id-digriet tagħha fejn kienet ħalliet il-kawża għas-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti u akkordat lir-rikorrenti d-dritt li jressqu l-provi.

9. Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2023, wara li r-rikorrenti naqsu milli jidhru meta s-seduta kienet għal provi rikorrenti, il-Qorti ordnat l-egħluq tal-provi w il-kawża marret għas-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti.

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mir-rikorrenti fit-12 ta' Frar 2024 (fol 23-30).

11. Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Frar 2024, il-kawża marret għas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-intimati.

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-intimati Dr Frank Cassar u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina fid-19 ta'April 2024 (fol 33-36).

13. Rat illi fis-seduta tat-23 ta' April 2024, il-kawża marret għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

14. Jirriżulta illi l-intimat George Bonello fl-10 ta' Novembru 2010[1], kien intavola proċeduri Rikors Ġuramentat 1162/2010 kontra r-rikorrenti Saviour Bonello u Joseph Bonello fejn talab is-segwenti:

    1. *Tordna l-qasma tal-għelieqi bin-numru ta' ID, QRM0 5071 00041, 19 5071 00119, QRM0 5071 00364, QRM0 5071 00363, QRM0 5071 00365, QRM0 5071 00042, QRM0 5071 00043 u QRM0 5071 00362 u l-qbiela relattiva għalihom, bejn il-kontendenti fi tlett kwoti u f'porzjonijiet ugwali;*

    2. *Tordna li r-razzett / agricultural stores, l-imqajjel u l-garaxx imsemmija jinqasmu bejn il-kontendenti fi kwoti u f'porzjonijiet ugwali b'tali mod li kull kontendent jingħata aċċess separat għal kull biċċa li tingħata lil kull wieħed minnhom, filwaqt li jibqa' jkun hemm aċċess u tgawdija in komuni għall-bir u l-kamra tiegħu li hemm preżenti fuq din l-art li jinsab immarkat bl-aħmar fuq Dok 'GB6' sabiex b'hekk kulħadd ikun jista' jgawdi b'mod inostakolat, dik il-parti tal-art li tiġi assenjata lilu.*

    3. *Tinnomina, jekk ikun hemm bżonn, perit tekniku għall-finijiet ta' diviżjoni tal-egħlieqi in kwistjoni hawn fuq imsemmija li jinsabu fuq l-art magħrufa bħala 'Ta' San Ġwakkin', Mrieħel.*

    4. *Tinnomina nutar u kuratur għall-eventwali kontumaċi sabiex jiġi ppublikat l-att relattiv ta' tali diviżjoni.*

15. Jirriżulta illi, fil-mori ta' dawk il-proċeduri, il-Qorti, permezz ta' digriet datat 29 ta' Mejju 2012, innominat bħala Perit Tekniku lil AIC Robert Musumeci biex iħejji pjan ta' qasma[2].

16. Jirriżulta illi, fit-12 ta' Lulju 2012, Joseph Bonello u Saviour Bonello kienu intavolaw rikors fejn talbu lill-Qorti sabiex l-inkarigu tal-Perit Tekniku nominat jiġi ristrett għall-art illi tirriżulta li hija proprjeta' tal-kontendenti u rigward l-art l-oħra din kienet qiegħda b'mera tolleranza għand Concetta Bonello.

17. Jirriżulta illi l-Qorti, permezz ta' digriet datat 3 ta' Ottubru 2012, ordnat illi l-Perit Tekniku AIC Robert Musumeci jissokta bl-inkarigu tiegħu fil-proprjeta' tal-partijiet[3].

[1] Kawża numru 1162/2010 allegat mal-proċeduri odjerni
[2] Fol 235 tal-kawża 1162/2010
[3] Fol 263-264 tal-kawża 1162/2010

18. Jirriżulta illi, fil-5 ta' Diċembru 2012, il-Qorti awtorizzat lill-Perit Tekniku sabiex ikejjel l-ambjenti kollha indikati mill-partijiet bla preġudizzju[4].

19. Jirriżulta illi, fl-4 ta' Marzu 2013, fuq talba tal-attur, il-Qorti awtorizzat lil Perit Tekniku jistma wkoll is-segwenti proprjetajiet:

    a. Garaxx,
    b. Razzett,
    c. 5 imqajjel u
    d. Kamra li fiha bir[5].

20. Jirriżulta illi, permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti fl-24 ta' April 2013, il-Perit Tekniku ġie awtorizzat jipproponi qsim separat tal-għelieqi mogħtija b'tolleranza, ta' dawk mikrija mill-Joint Office u tal-għalqa mikrija fuq omm il-partijiet[6].

21. Jirriżulta illi, l-Perit Tekniku ppreżenta r-rapport imħejji minnu fil-5 ta' Lulju 2013 fejn fih għamel is-segwenti stimi:

| | | |
|---|---|---|
| a. | Garaxx : | € 45,000; |
| b. | Razzett: | € 120,000; |
| c. | 5 Imqajjel: | € 20,000; |
| d. | Kamra li fiha bir: | € 30,000; |
| e. | Ġiebja mifuħa: | € 45,000[7]. |

22. Jirriżulta illi, fuq talba tal-attur, il-Perit Tekniku AIC Robert Musumeci ġie maħtur mill-Qorti permezz ta' digriet datat 8 ta' Novembru 2013 biex jagħmel pjan ta' qasma tal-bini eżistenti[8].

23. Jirriżulta illi, l-Perit Tekniku ppreżenta r-rapport ulterjuri tiegħu fit-13 ta' Jannar 2014[9].

24. Jirriżulta illi, s-sentenza ġiet deċiża fil-11 ta' Jannar 2017 fejn il-Qorti ordnat illi ssir il-qasma tal-artijiet kif ukoll tal-istrutturi:

    *"Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tordna li ssir il-qasma tal-artijiet indikati fid-dokument 'RM3' u kif indikat a fol 307 imsemmija, kif ukoll l-strutturi kif imsemmi fiddokument 'RM4' u a fol 333 tal-proċess; b'dan li l-konvenuti għandhom iħallsu €2,500 kull wieħed lill-attur. Tinnomina lin-Nutar Annalise Micallef biex tippublika l-att relattiv, u lill-Avukat Norma Vella Bardun bħala kuratur biex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-att imsemmi li għandu jiġi ppubblikat f'jum, ħin u lok indikat minn din il-Qorti stess fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet jew mill-istess Nutar nominand. L-ispejjeż tal-kawża jinqasmu bejn il-partijiet fi kwoti ndaqs, terz kull wieħed".*

25. Jirriżulta illi, Saviour Bonello u Joseph Bonello, fit-30 ta' Jannar 2017 intavolaw appell mid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

---

[4] Fol 268 tal-kawża 1162/2010
[5] Fol 289 tal-kawża 1162/2010
[6] Fol 294 tal-kawża 1162/2010
[7] Fol 300-318 tal-kawża 1162/2010
[8] Fol 321 tal-kawża 1162/2010
[9] Fol 328-341 tal-kawża 1162/2010

26. Jirriżulta wkoll, illi George Bonello fis-17 ta' Frar 2017, barra r-risposta tal-appell, ippreżenta wkoll appell inċidentali. Saviour u Joseph Bonello rrispondew għall-appell inċidentali permezz ta' risposta datata 10 ta' April 2017.

27. Illi l-Qorti tal-Appell, permezz ta' sentenza li ġġib id-data tat-**18 ta' Lulju 2022** ċaħdet l-appell tal-konvenuti u laqgħet l-appell inċidentali tal-attur limitatament, b'dan illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell qassmet it-tmien biċċiet art u l-istrutturi b'mod differenti minn dak propost mill-Perit Tekniku:

> *"36.Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell tal-konvenuti u tilqa' l-appell inċidentali tal-attur. Konsegwentement qiegħda tilqa' t-talbiet tal-attur sabiex jiġu maqsuma l-artijiet u l-istrutturi (li huma ndikati fuq il-pjanta Dok RM3 - fol 318), pero` limitatament għall-mod kif spjegat fil-paragrafu preċedenti. Id-diviżjoni tal-artijiet għandha ssir bi qsami (mhux bil-bini ta' ħitan diviżorji) li għandhom jsiru fil-post taħt id-direzzjoni u superviżjoni tal-perit tekniku. Tordna li d-diviżjonijiet bil-kundizzjonijiet su-indikati għandhom jiġu riflessi fuq skrittura privata bejn il-partijiet tranżuntata fl-atti tan-Nutar Annalise Micallef li din il-Qorti qed tikkonferma n-nomina tagħha għal dan l-iskop; qed tiġi ukoll ikkonfermata n-nominat tal-avukat Dr Norma Vella Bardun bħala kuratur biex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-iskrittura imsemmija, liema skrittura għandha ssir fil-bini tal-Qorti fid-9 ta' Novembru, 2022, f'nofsinhar.*
>
> *37. L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu mill-konvenuti, b'dan pero` li l-ispejjeż tal-perit tekniku li diġa' saru quddiem l-ewwel Qorti għandhom jinqasmu f'ishma ugwali bejn il-partijiet stante li kulħadd qed jieħu benefiċċju minn dak ix-xogħol.*
>
> *38. Spejjeż tal-perit tekniku b'referenza għax-xogħol li għad għandu jsir, kif ukoll spejjeż biex isiru qsami fir-raba' għandhom jinqasmu f'ishma ugwali bejn il-partijiet.*
>
> *39. L-ispejjeż tal-appell prinċipali tal-konvenuti, kif ukoll dawk tal-appell inċidentali tal-attur għandhom jitħallsu mill-konvenuti".*

28. Jirriżulta illi, fit-12 ta' Settembru 2022, ir-rikorrenti intavolaw il-proċeduri odjerni, fejn talbu lill-Qorti tordna r-ritassa tal-istess kawża biex kull fejn hemm taxxa *ad valorem* tal-art li hija b'mera tolleranza jew inkella b'kirja din tiġi dikjarata bħala biss dikjarazzjoni kif iddeċidiet il-Qorti tal-Appell.

29. Jirriżulta illi, l-intimati kollha oġġezzjonaw għal tali talbiet.

## Ikkunsidrat

30. Jirriżulta, mill-premessi u mill-provi prodotti illi r-rikorrenti qegħdin, permezz tal-kawża in deżamina, jitolbu lil din il-Qorti tordna r-ritassa tal-kawża numru 1162/2010 fl-ismijiet *'George Bonello vs Joseph Bonello u Saviour Bonello'* sabiex kull fejn hemm taxxa <u>*ad valorem*</u> tal-art li hija b' mera tolleranza jew inkella b'kirja din tiġi dikjarata bħala biss <u>dikjarazzjoni</u> kif iddeċidiet il-Qorti tal-Appell.

31. Jirriżulta illi, fost eċċezzjonijiet oħra l-intimati George Bonello, l-Avukat Dr Frank Cassar u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina eċċeppew illi t-talba tal-atturi kienet waħda preskritta stante li l-perjodu stabbilit fl-Artikolu 64 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta skada, illi l-azzjoni kellha tinbeda b'rikors u mhux b'rikors ġuramentata, illi l-intimati għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju għax ħadd minnhom ma kellu x'jaqsam mal-mod ta' kif inħadmet it-taxxa in kwistjoni, illi r-rikors ġuramentat huwa wieħed konfużjonarju billi filwaqt li qed jingħata tort ta' kif inħadment it-taxxa tal-perit tekniku huma naqqsu billi jħarrkuh fil-proċeduri.

32. Jirriżulta illi, l-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali eċċepixxa illi l-intaxxar kemm tal-Prim'Istanza kif ukoll tal-Appell sar fuq il-valur tal-proprjeta' kif valutata mill-Perit Tekniku nominat mill-Qorti, illi l-kawża ġiet intaxxata skont Para.3(1) tat-Tariffa A u l-Para. 16 tat-Tariffa E anness mal-Kap 12, illi huwa ħadem it-taxxa skont l-Artikolu 14 tat-Tariffa E tal-Kap 12 fir-rigward id-drittijiet tal-avukati u tal-prokuraturi legali u li t-taxxa *de quo* ġiet maħduma b'mod korrett u hija valida.

**L-eċċezzjoni preliminari tal-intimati George Bonello, l-Avukat Dr Frank Cassar u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina li l-azzjoni rikorrenti hija preskritta.**

33. Illi l-Qorti sejra fl-ewwel lok tistħarreġ l-ewwel eċċezzjoni mogħtija fir-risposta ġuramentata tal-intimati George Bonello, l-Avukat Dr Frank Cassar u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina, ossija illi t-talba tal-atturi hija waħda preskritta ai termini tal-Artikolu 64 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

34. Il-Qorti ser tibda l-analiżi tagħha billi tirriproduċi l-artikolu tal-liġi applikabbli għal kawża odjerna, ossia, l-**Artikolu 64** tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan l-artikolu jipprovdi kif ġej:

> *(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.*
>
> *(2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta.*
>
> *(3) Il-proċeduri bil-miktub li għandhom x'jaqsmu mar-rikors għandhom jitqiesu magħluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jagħlaq iż-żmien mogħti għaliha. Il-partijiet għandhom jiġu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors.*

35. Referenza ser issir ukoll għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Pawlu Tabone et vs Reġistratur tal-Qrati u Tribunali t'Għawdex***[10] fejn il-Qorti ttenni:

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni Ġenerali) fil- 23 ta' Frar 2024- Rik. Numru: 107/2022

*"Huwa fatt illi l-parti nteressata għandha kull dritt li timpunja dik it-taxxa però dan trid tagħmlu fi żmien utli. Kemm il-darba dak iż-żmien jgħaddi mingħajr ma jittieħdu l-proċeduri imsemmija fl-artikolu ċitat, dik it-taxxa ma tkunx tista' tiġi aktar kontestata u ssir titolu eżekuttiv a tenur tal-artikolu 253 (ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Ingħad illi "F'sentenza tal-Prim Awla, datata 26 ta' Ottubru, 2010, Ċitazzjoni Numru. 450/2008, fil-kawża bl-ismijiet "Joseph Bonello et vs Ir-Reġistratur tal-Qorti et" saret referenza għall-kawża fl-ismijiet "Speranza Gatt et vs Dr. Albert Libreri et" deċiża fit-18 ta' Frar, 2010 fejn intqal:- "... Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrativ li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss." Hu f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Hu għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa tkun tista' tiġi attakkata. Kif jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħra, hu meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak."*

36. Illi skont kif jipprovdi l-istess Artikolu 64(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti li jrid jintavola kawża ta' ritassa quddiem il-Qrati nostrani, għandu jagħmel dan fi żmien xahar. Il-leġislatur fl-istess sub-artikolu jipprovdi ulterjorment meta jibda jiddekorri dan iż-żmien u jagħmel żewġ distinzjonijiet: *"Dan iż-żmien,* ***għal <u>dawk li jitolbu t-taxxa</u> tal-ispejjeż, jibda jgħodd <u>mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa</u>****, u,* ***għad-<u>debitur</u> li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, <u>mill-ġurnata ta' dik in-notifika</u>".***[11]

37. Għalhekk, sabiex tiġi trattata din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-Qorti trid tgħaddi sabiex tiddetermina u tara liema minn dawn iż-żewġ distinzjonijiet, minn dawn iż-żewġ kategoriji, japplika għall-proċeduri odjerni.

38. Illi jiġi rilevat illi hekk kif jidher mid-dokument anness mar-rikors promutur li jinsab fol 3, l-intimat George Bonello kien ippreżenta ittra uffiċjali fid-19 ta' Awwissu 2022 fejn permezz tagħha huwa kien interpella lir-rikorrenti Joseph Bonello u Saviour Bonello sabiex jersqu għall-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji. Anness ukoll mal-imsemmija ittra uffiċjali hemm ukoll it-taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż maħruġa mill-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali (fol 4-5).

---

[11] Enfasi u sottolinear ta' din il-Qorti

39. Il-Qorti tosserva illi mill-istess taxxa uffiċjali li tinsab eżebita in atti, r-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ħadem din it-taxxa fit-**<u>28 ta' Lulju 2022</u>** u ġiet iffirmata mid-Deputat Reġistratur fis-**<u>19 ta' Awwissu 2022</u>**. Illi dakinhar stess ossia, fis-**<u>19 ta' Awwissu 2022</u>**, ġiet ippreżentata l-ittra uffiċjali mill-intimat George Bonello, li l-Qorti tifhem kien il-parti li talab il-ħruġ tat-taxxa, għall-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji. Illi b'hekk fil-kawża odjerna, ix-xenarju applikabbli kkontemplat fl-istess Artikolu 64 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dan li ġej u ċioe, li ż-żmien ta' xahar sabiex tiġi tinbeda kawża ta' ritassa jibda jiddekorri *<u>"għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika".</u>*

40. Illi kif diġà ġie osservat, l-ittra uffiċjali ġiet ippreżentata fid-**<u>19 ta' Awwissu 2022</u>** u allavolja l-Qorti tinnota illi fl-istess ittra uffiċjali eżebita in atti fol 3 tal-proċess m'hemmx indikat meta r-rikorrenti, bħala debituri, ġew notifikati biha għaliex din l-ittra uffiċjali hija priva mir-riferta tal-uffiċjali eżekuttiv tal-Qorti, l-kawża in deżamina nfetħet fit-**<u>12 ta' Settembru 2022</u>**.

41. Illi l-Qorti tirrileva illi ladarba bejn id-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali u d-data tal-preżentata tal-kawża hemm inqas minn xahar, allura huwa evidenti li t-terminu stabbilit mill-Artikolu 64 (1) tal-Kap 12 ġie rrispettat mir-rikorrenti.

42. Illi b'hekk l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati George Bonello, l-Avukat Dr Frank Cassar u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina qiegħda tiġi respinta.

**L-eċċezzjoni tal-intimati George Bonello, l-Avukat Dr Frank Cassar u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina li għandhom jiġu illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju**

43. Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina din l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati George Bonello, l-Avukat Dr Frank Cassar u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina illi huma ġew imħarrka inutilment u b'hekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

44. Illi huwa ċar u manifest illi l-intaxxar tal-ispejjeż ġudizzjarji huwa kompitu u responsabilita' tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili. Infatti dan huwa wieħed mir-rwoli u mir-responsabilitajiet tar-Reġistratur u joħroġ evidenti sempliċement mill-qari tal-istess Artikolu 64 tal-Kap 12: *"L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur".*

45. Kif provdut fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Saliba et vs Reġistratur tal-Qorti ta' Għawdex et***[12] :

> *"M'hemmx dubju li taxxa li tinħareġ mir-Reġistratur hi att tiegħu u mhux tal-qorti li ddeċidiet il-kawża (ara per eżempju Emmanuel Buttigieg proprio et vs Anthony Cauchi proprio et nomine deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Lulju 2004). Tant hu hekk li l-liġi stess tipprovdi li "l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-Reġistratur tal-Qorti......" (Artikolu 64 tal-Kap. 12). Kif tajjeb ġie osservat fil-kawża Lewis Borg vs Avukat Dr Giuseppe V. Salamone, fil-każ ta' taxxa, "....lill-Qorti jappartjeni biss il-konjizzjoni tal-kontroversji relattivi għat-taxxi magħmula mir-Reġistratur, meta tiġi*

[12] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Ġurisdizzjoni Superjuri) fil- 15 ta' April 2009- Rik. Numru 111/2007/1

*mpunjata l-attendibilita' jew il-korrettezza tagħhom minn min ikollu nteress." (Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 23 ta' Frar 1960).*

46. Madanakollu, l-istess Artikolu 64 fis-sub artikolu tnejn (2) jipprovdi illi: *"Ir-rikorrent għandu jara li* ***kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih***[13]*, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta".*

47. Illi referenza ser issir għas-sentenza fl-ismijiet ***L-Arkitett Raymond Vassallo u martu Maria Vassallo vs. Windsor Holdings Limited u d-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)[14] fejn il-Qorti għal dak li għandu x'jaqsam mal-parteċipazzjoni tal-avukati u tal-prokuraturi legali tosserva:

*"kif ġie ritenut drabi oħra, f'kawża ta' ritassa ta' drittijiet, id-difensuri għandhom interess, u hemm lok li jiġu msejħin fiha. Inoltre d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-integrazzjoni tal-proċess huma ta' ordni pubbliku u ma jistgħux jiġu derogati, lanqas bil-volontà tal-partijiet. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Ottubru, 1935, fil-kawża fl-ismijiet Maria Concetta Libreri v. Edgar Staines noe, kif ukoll dik aktar reċenti tal-5 ta' Ġunju, 2003, dil-kawża fl-ismijiet Albert Bezzina Wettinger v. Ir-Reġistratur tal-Qorti et.) Wara kollox l-istess liġi fl-Artikolu 64 (2) tal-App. Ċiv. 1053/13 14 Kap. 12 tipprovdi li: "Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih…" – Interess li ċertament jissusisti fil-każ tad-difensuri tas-soċjeta` intimata Windsor Holdings Limited, ladarba t-taxxa in kontestazzjoni tinkludi wkoll id-drittijiet li għandhom jitħallsu l-istess difensuri tas-soċjetà` appellata".*

48. Illi f'kawża oħra fl-ismijiet ***L-Avukat Dr Pio M. Valletta vs Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali***[15]***:***

*"mhux kull min kien parteċipi f'kawża għandu jkun mħarrek fil-kawża ta' ritassa u li għalhekk dan l-obbligu huwa ridott għal kull minn għandu interess, ossia kull min ser ikun affettwat bl-eżitu. B'hekk il-kelma "interess" għandha tassumi tifsira ristretta altrimenti il-konsegwenza tkun li kawża tista' tiġġenera kawża oħra f'ċirkostanzi fejn mhux kulħadd għandu "interess" fiha jew f'sitwazzjoni fejn avukat irid bilfors iħarrek lill-klijent tiegħu għaliex kien wieħed mill-partijiet fil-kawża oriġinali.*

*......għalkemm l-artikolu 64 jitkellem b'mod li jindika li fi proċeduri bħala dawn ikun notifikat kull min għandu interess u mhux mħarrek kull min ikollu interess, stante li l-ġudikat ser ikollu effett fuq il-parti l-ohra. Filkaż odjern, l-aspettattiva tal-avukat difensur tal-intimat fil-kawża deċiża hi li jiżdied il-valur tad-dritt tieghu. Sabiex ikun deċiż jekk hemmx parti oħra li jista' jkollha interess, f'dan il-każ, l-avukat tal-kontro-parti jew il-parti nnifisha f'każ li tkun kundannata tħallas l-ispejjeż tal-avukat tal-kontro-parti, jeħtieġ li ssir referenza għad-deċide fil-kawża oriġinali".*

[13] Enfasi u sottolinear ta' din il-Qorti
[14] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2019- Rik.Numru: 1053/2013
[15] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Settembru 2023- Rik. Numru: 341/2022

49. Illi kif jipprovdi l-Artikolu 64(2) kawża ta' ritassa għandha tiġi notifikata lil kull min għandu *"interess"*.

50. Illi qabel xejn il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkwota dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet *George Bonello vs Saviour Bonello et*[16] li tirrigwarda l-ispejjeż tal-kawża. Il-Qorti tal-Appell provdiet hekk:

> *"L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu mill-konvenuti, b'dan pero` li l-ispejjeż tal-perit tekniku li diġa' saru quddiem l-ewwel Qorti għandhom jinqasmu f'ishma ugwali bejn il-partijiet stante li kulħadd qed jieħu benefiċċju minn dak ix-xogħol.*
>
> *38. Spejjeż tal-perit tekniku b'referenza għax-xogħol li għad għandu jsir, kif ukoll spejjeż biex isiru qsami fir-raba' għandhom jinqasmu f'ishma ugwali bejn il-partijiet.*
>
> *39. L-ispejjeż tal-appell prinċipali tal-konvenuti, kif ukoll dawk tal-appell inċidentali tal-attur għandhom jitħallsu mill-konvenuti".*

51. Fil-kawża odjerna, r-rikorrenti qegħdin jilmentaw illi t-tassazzjoni *ad valorem* li saret fil-kawża 1162/2010 hija waħda żbaljata. Għalhekk, il-Qorti tqis illi huwa evidenti illi l-intimati Avukat Dr Frank Cassar u l-prokuratur legali Daniel Aquilina għandhom interess fl-eżitu tal-kawża għaliex la darba l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq il-fatt li t-taxxa *ad valorem* hija waħda ħażina, jekk il-Qorti ssib illi dan l-ilment huwa wieħed ġustifikat, allura d-drittijiet spettanti lilhom u li għandhom, skont l-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell, jiġi mħallsa lilhom mill-istess rikorrenti, dawn id-drittijiet jiġu affettwati.

52. L-istess binarju ta' ħsieb japplika wkoll għall-intimat l-ieħor George Bonello. La darba l-Qorti tal-Appell iddeċidiet illi r-rikorrenti Joseph Bonello u Saviour Bonello għandhom ibatu l-ispejjeż tal-ewwel stanza u anke tal-appell, allura huwa għandu l-jedd illi jitlob il-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji mingħandhom, allura huwa wkoll għandu jitqies li għandu l-*"interess"* fil-proċedura odjerna ta' ritassa.

53. Illi għalhekk l-eċċezzjoni tagħhom illi għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju qed tiġi miċħuda.

## Meritu tal-każ

54. Din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tqis it-talba tar-rikorrenti fil-mertu.

55. Il-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-Skeda A, permezz ta' diversi Tariffi jipprovdi l-mod u l-kriterji li fuqhom ir-Reġistratur irid jimxi sabiex issir it-tassazzjoni tal-ispejjeż ġudizzjarji ta' kawża.

56. Illi hija ġurisprudenza konsolidata illi t-tassazzjoni tal-ispejjeż ġudizzjarji hija regolata mit-talba kontenuta fir-rikors promutur.

---

[16] Kawża numru 1162/2010

57. Referenza ser issir għas-sentenza fl-ismijiet ***Salvatore Vella vs Reġistatur tal-Qrati et***[17] fejn il-Qorti tispjega s-segwenti:

*"Ġie stabbilit minn ġurisprudenza kostanti illi "t-tassazzjoni ta' kawża għandha tiġi regolata mit-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, mhux fis-sens limitat għas-sempliċi inkartament, iżda fis-sens ta' l-oġġett tagħha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jiġi raġonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta' l-istess kawża, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jiġu proposti jkunux akkolti jew miċħuda" (Avv. Dr. Giuseppe Pace et v. Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 1 ta' Ottubru, 1948). Hekk ukoll, ġie ritenut illi "meta l-massa litiguża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuqu; jiġifieri għandu jigi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem ..." (Carmelo Axiak v. Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-deċiżjoni App. Ċiv. 403/16/1 19 fl-ismijiet Leslie Grech nomine v. Frank Abela et, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 25 ta' Jannar, 2002 u Loris Bianchi et v. Dottor Victor Borg Costanzi nomine, Appell Ċivili, 17 ta' April, 1978."*

58. Referenza ser issir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet ***Frances sive Franca Camilleri v. Direttur Qrati u Tribunali ta' Malta***[18] fejn il-Qorti rrimarkat illi:

*"Illi fid-dritt huwa stabilit li t-tassazzjoni tad-drittijiet ġudizzjarji hija mħarsa mill-prinċipju li wieħed iħares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun ingħatat meta s-somma m'hijiex determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wieħed jifhem il-qofol tal-kwestjoni mqanqla bil-proċess ġudizzjarju, u mhux sempliċement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali prinċipju m'huwiex wieħed inflessibbli għaliex huwa kwalifikat bil-prinċipju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawża jissejjaħ "il complesso del tema contenzioso" minn fejn wieħed jista' jsib xi jkun tassew il-valur tal-kontestazzjoni".*

59. In oltre, prinċipju ieħor illi ġie stabbilit mill-ġurisprudenza nostrana huwa dak illi l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promutur iżda wkoll minn kull tagħrif jew prova li tinsab fl-atti. Għal din il-konklużjoni wasslet il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Abela et vs Ronald Cordina et***[19]:

*"18. [...] Huwa minnu wkoll li, bħala prinċipju stabbilit, il-valur ta' kawża jitqies fuq it-talbiet u mhux fuq l-interess effettiv tal-atturi [Ara App Ċiv 7.10.1960 fil-kawża fl-ismijiet Ellul Bonnici vs Buhagiar noe et (Kollez Vol XLIV.i.243)], għalkemm l-interess ġuridiku ta' parti f'kawża huwa x'aktarx determinanti biex wieħed jasal biex jistabilixxi t-taxxa tkunx "ad valorem"*

[17] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-9 ta' Diċembru 2021- Rik. Numru: 403/2016/1
[18] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Lulju 2013- Rik. Numru: 1083/2012
[19] Deċiża fit-13 ta' Lulju 2020- Rik. Numru: 715/2011

*jew dikjarazzjoni [P.A. 20.6.1963 fil-kawża fl-ismijiet Camilleri et vs Buhagiar noe et (Kollez Vol XLVII.ii.880)];*

*19. Illi ta' min jgħid ukoll li t-Tariffa li tiggwida l-likwidazzjoni ta' dritt dovut lil avukat f'kawża li fiha tkun ingħatat deċiżjoni dwar punt ta' dritt jew ta' fatt, tgħid li dik id-deċiżjoni tiġi intaxxata "ad valorem" jekk kemm-il darba "jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-liġi jew mill-proċess" [Par 14, Tariffa "E" tal-Ewwel Skeda tal-Kap 12] (enfasi tal-Qorti). Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser ukoll li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma minn kull tagħrif jew prova li tinsab fl-atti".*

60. Fil-kawża li kien hemm bejn il-partijiet li dwarha ngħatat sentenza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2022, it-talbiet kontenuti fir-rikors promutur kienu s-segwenti:

1. *Tordna l-qasma tal-għelieqi bin-numru ta' ID, QRM0 5071 00041, QRM0 5071 00119, QRM0 5071 00364, QRM0 5071 00363, QRM0 5071 00365, QRM0 5071 00042, QRM0 5071 00043 u QRM0 5071 00362 u l-qbiela relattiva għalihom, bejn il-kontendenti fi tlett kwoti u f'porzjonijiet ugwali;*

2. *Tordna li r-razzett / agricultural stores, l-imqajjel u l-garaxx imsemmija jinqasmu bejn il-kontendenti fi kwoti u f'porzjonijiet ugwali b'tali mod li kull kontendent jingħata aċċess separat għal kull biċċa li tingħata lil kull wieħed minnhom, filwaqt li jibqa' jkun hemm aċċess u tgawdija in komuni għall-bir u l-kamra tiegħu li hemm preżenti fuq din l-art li jinsab immarkat bl-aħmar fuq Dok 'GB6' sabiex b'hekk kulħadd ikun jista' jgawdi b'mod inostakolat, dik il-parti tal-art li tiġi assenjata lilu.*

3. *Tinnomina, jekk ikun hemm bżonn, perit tekniku għall-finijiet ta' diviżjoni tal-egħlieqi in kwistjoni hawn fuq imsemmija li jinsabu fuq l-art magħrufa bħala 'Ta' San Ġwakkin', Mrieħel.*

4. *Tinnomina nutar u kuratur għall-eventwali kontumaċi sabiex jiġi ppublikat l-att relattiv ta' tali diviżjoni.*

61. Illi b'hekk mill-qari tat-talbiet jidher biċ-ċar illi l-kawża intavolata kienet waħda ta' **diviżjoni**.

62. Illi referenza ser issir għal Skeda A tal-Kap 12, senjatament għat-<u>Tariffa A</u>- *Drittijiet li jitħallsu rigward is-smigħ tal-kawżi fir-Reġistri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati f'Malta u f'Għawdex, eskluża l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja* u għat-<u>Tariffa E</u>- *Drittijiet li jitħallsu lill-Avukati, Prokuraturi Legali u Kuraturi "ex officio".*

63. Illi relevanti huwa l-Paragrafu 4(1)(b) tat-**Tariffa A** li jittratta tassazzjoni ta' kawżi ta' diviżjoni kif ukoll il-Paragrafu 3(1) tat-Tariffa A li jipprovdi dwar l-intaxxar tad-dritt reġistru *ad valorem*:

*"3 (1) B'żieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2,mal-preżentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att ieħor tal-proċedura li jkun fihom talba li biha*

*tinbeda proċedura kontenzjuża f'Qorti ta' Prima Istanza u li titlob deċiżjoni minn Imħallef jew Maġistrat, u meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew* ***fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li ġejjin[20]"*** *(Imbagħad il-leġislatur jgħaddi biex jispjega kif għandha ssir il-komputazzjoni ad valorem).*

*4 (1) Meta l-valur tat-talba ma jkunx ċert jew likwidu, u ma jistgħux jiġu intaxxati d-drittijiet skont il-paragrafu 3, il-valur tat-talba jiġi intaxxat skont ir-regoli li ġejjin:*

*...*

*(b) F'kawżi li għandhom x'jaqsmu mad-diviżjoni ta' proprjetà, kemm inter vivos kif ukoll causa mortis,u indipendentement jekk id-diviżjoni nnifisha tiġix mitluba jew le, u f'kawżi li għandhom x'jaqsmu mas-suċċessjoni, l-attur jista', flimkien mat-talba tiegħu, jissottometti lista tal-proprjetà li tagħha tkun qed tintalab id-diviżjoni jew li tkun involuta fis-suċċessjoni,flimkien ma' dikjarazzjoni ffirmata u maħlufa minn perit f'każ ta' beni immobbli u minn stimatur kompetenti f'każ ta' beni mobbli, li jiċċertifikaw il-valur ta' dik il-proprjetà, u l-valur jiġi intaxxat skont l-ammont totali ta' dik l-istima:*
*Iżda f'ebda każ id-dritt intaxxat ma għandu jkun inqas minn €700".*

64. Relevanti wkoll huma Paragrafu 14 u 16 tat-**Tariffa E**:

*"14.Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew* ***determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess****, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13,* ***fuq il-valur hekk stabbilit.[21]***

*...*

*16.F'kawżi ta' diviżjoni ta' proprjetà, indipendentement mill-għadd ta' talbiet li jkun hemm fir-rikors għandu jiġi intaxxat dritt wieħed biss ad valorem bħal fil-paragrafu 13 fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjetà li għandha tiġi maqsuma - iżda f'kawża ta' diviżjoni ta' proprjetà causa mortis dak id-dritt għandu jiġi intaxxat fuq il-valur stabbilit kif intqal qabel ta' kull assi partikolari li għandu jiġi maqsum bejn il-partijiet, salv li dak id-dritt ma għandu fl-ebda każ ikun anqas minn € 116.47".*

65. Illi mingħajr ebda dilungar żejjed, il-Qorti tosserva illi talba ta' dan it-tip iġġib magħha valutazzjoni - kif ġara wkoll fil-kawża li tagħha qiegħda tiġi kkontestata it-tassazzjoni. Infatti, allavolja mar-rikors promutur ma ġiet ippreżentata l-ebda stima, l-Perit Tekniku appuntat mill-Qorti ħejja valutazzjoni ta' l-istrutturi. Illi b'hekk valur ġie determinat mill-proċess stess.

[20] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti
[21] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti

66. Illi, in linea wkoll mal-prinċipji li joħorġu mill-ġurisprudenza hawn fuq ċitata, ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali kien korrett illi la darba si trattava ta' kawża ta' diviżjoni u la darba **mill-atti** ġew stabbiliti valuri, t-tassazzjoni kellha ssir *ad valorem*.

67. Illi fil-mori tal-kawża, il-Qorti appuntat il-Perit Tekniku AIC Robert Musumeci sabiex jagħmel pjan tal-qasma, kif ikoll ġie nkarigat sabiex jipprovdi stimi tal-istrutturi eżistenti, kif ukoll jagħmel pjan tal-qasma ta' dawn l-istrutturi.

68. Illi fl-Ewwel rapport tiegħu ppreżentat mill-Perit Tekniku fil-5 ta' Lulju 2013 huwa għamel is-segwenti valutazzjoni: Garaxx : €45,000; Razzett: €120,000; 5 Imqajjel: €20,000, Kamra li fiha bir: €30,000, Ġiebja mifuħa: €45,000. B'total ta' €260,000.

69. Illi fit-Tieni rapport tiegħu[22] meta huwa ġie inkarigat sabiex jipprovdi pjan tal-qasma tal-istrutturi u ċioe' dak ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2014, l-istrutturi li tagħhom ħejja pjan tal-qasma kienu: Il-Garaxx (Valutat €45,000), Ir-Razzett (Valutat €120,000), il-Ħamest Imqajjel (Valutati €20,000) u l-Kamra li fiha bir (Valutat €30,000) **ad esklużjoni** tal-ġiebja stante illi kif provdut fl-istess rapport,

> *"Il-ġiebja miftuħa li tmiss ma' kamra li fiha għajn naturali li tħaffret snin ilu li tinsab viċin il-porzjoni markata FC4 u li kienet markata bħala X5 mhux qed tittieħed in kunsiderazzjoni ai fini ta' dan l-eżerċizzju, u dan skont struzzjonijiet li l-esponenti ingħata mill-partijiet waqt l-aċċess tal-25 ta' Novembru 2013".*

70. Dan jinsab ukoll rifless fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, meta f'dik il-parti tas-sentenza hija kellha tgħaddi sabiex tippronunzja ruħha dwar id-diviżjoni tal-istrutturi:

> *"c. Strutturi*
>
> *X1 Garaxx valur €45,000*
> *X3 5 imqajjel valur €20,000*
> *X4 Kamra valur €30,000*
>
> *Għalkemm dawn l-istrutturi għandhom valuri differenti l-uniku mezz kif tista' tinqasam it-tgawdija tagħhom hija bix-xorti, sakemm il-kontendenti ma jiftehmux bejniethom fuq mezz aħjar.*
>
> *X2 Ir-razzett valur €120,000*
>
> *Dan għandu jitgawda minn kull wieħed mill-kontendenti bl-esklużjoni tal-oħrajn għal perjodu ta' sitt xhur b'sistema ta' roster li għandu jittella' bil-polza. Matul is-sitt xhur li dak li jkun ikollu t-tgawdija tar-razzett, huwa għandu jagħmel manutenzjoni ordinarja a spejjeż tiegħu.*
>
> *X5 Ġiebja*

[22] Fol 329-341 tal-kawża 1162/2010

> *Din ma tteħditx in konsiderazzjoni mill-perit skont struzzjonijiet li ngħata mill-partijiet waqt l-aċċess. Għalhekk din il-Qorti ukoll mhix ser tqisha pero` jkun floku li kulħadd jagħmel użu minnha għall-bżonnijiet tiegħu".*[23]

71. Illi l-Qorti tosserva illi skont l-istess *workings* tat-taxxa annessa mal-qoxra tal-proċess tal-Prim' Istanza jidher illi l-komputazzjoni *ad valorem* tad-dritt reġistru kif ukoll tad-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali saret fuq il-valur ta' €260,000, liema valur jirrappreżenta l-assjem tal-valutazzjoni ta' dawn l-istrutturi: Garaxx : €45,000; Razzett: €120,000; 5 Imqajjel: €20,000, Kamra li fiha bir: €30,000 u Ġiebja mifuħa: €45,000 (stabbiliti permezz ta' l-ewwel rapport tal-Perit Tekniku).

72. Illi, l-Qorti filwaqt illi tirrileva illi d-deċiżjoni sabiex it-tassazzjoni issir *ad valorem* kienet waħda korretta, tqis illi la darba l-ġiebja valutata €45,000 ma kinitx parti mid-diviżjoni, hekk kif jidher ċar u manifest kemm mit-tieni rapport tal-Perit Tekniku, kif ukoll mis-sentenza kemm tal-Prim'Istanza[24], kif ukoll ċarissima mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, it-tassazzjoni tad-Dritt Reġistru u Dritt tal-Avukat u tal-Prokuratur Legali kellu jkun fuq il-valur ta' €215,000 u ċioe' fuq il-valur ta' dawk l-istrutturi li tagħhom intalbet u saret effettivament il-qasma: Garaxx : €45,000; Razzett: €120,000; 5 Imqajjel: €20,000 u Kamra li fiha bir: €30,000. B'total ta' €215,000.

73. Il-Qorti hawnhekk tqis illi għandha tosserva illi hija marbuta fid-direzzjoni mogħtija mir-rikorrent fir-rikors promtour, ossija illi jiġi dikjarat li dak li ġie intaxxat ad valorem kellu jiġi intaxxat bħala dikjaratorja. Ladarba d-direzzjoni mogħtija mir-rikorrenti hija waħda ċara u netta u ma tħalli lill-Qorti ebda liberta sabiex tagħti deċiżjoni differenti għal dik mitluba mir-rikorrent, din il-Qorti ma hijiex f'posizzjoni illi tqis ulterjorment dina l-iżvista li setgħet saret mir-Reġistratur kif spjegat fil-paragrafu 72 aktar 'il fuq.

74. Madnakollu, il-Qrati qegħdin hemm sabiex jagħmlu ġustizzja lil min jitlobha u ma għandhomx jiġu preklużi minħabba fi żbalji u nuqqasijiet illi setgħu saru minn min għamel it-talba, aktar u aktar meta huwa ċar illi l-Ġustizzja tirrikjedi li tibdil isir, iżda mhux kif mitlub mir-rikorrenti.

75. Huwa ghalhekk illi, fl-ottika ta' dak hawn fuq delineat, il-Qorti tqis illi, filwaqt li d-deċiżjoni sabiex isir l-intaxxar tad-Dritt Reġistru u tad-Dritt tal-Avukat u tal-Prokuratur Legali b'mod *ad valorem* li sar fil-kawża numru 1162/2010 fl-ismijiet *George Bonello vs Saviour Bonello et* huwa wieħed korrett, l-ammont meqjus ma kienx korrett stante illi għandu jiġi rranġat sabiex jeskludi l-valutar tal-ġiebja miftuħa b'dan illi d-drittijiet imsemmija għandhom jinħadmu fuq il-valur ta' €215,000 u dan għar-raġuni hawn fuq imsemmija.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti;

---

[23] Paġna 26-27 tas-sentenza

[24] Stante illi rigward il-qasma tal-istrutturi, l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bbażat ruħha fuq il-qasma proposta mill-Perit Tekniku fit-tieni rapport tiegħu

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba għal ħruġ ta' ritassa tal-kawża, fejn, filwaqt illi l-intaxxar għandu jibqa' jsir *ad valorem,* kif korrettement indikat mir-Reġistratur intimat, l-istess intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali għandu jikkoreġi t-tassazzjoni *ad valorem* tad-dritt reġistru u tad-dritt tal-Avukat u Prokuratur Legali minn dik maħduma fuq il-valur ta' €260,000 għal dik maħduma fuq il-valur ta' **€215,000**, u dan għar-raġunijiet kif fuq spjegat.

**Dwar spejjeż** ir-rikorrent għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tiegħu filwaqt illi r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tiegħu u tal-intimat l-oħra fil-kawża odjerna.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**